



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Mejju 2015
(OR. en)

9241/15

DEVGEN 81
ONU 70
ENV 341
ACP 85
RELEX 426
FIN 387
OCDE 12
WTO 116

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	9084/15 DEVGEN 72 ONU 66 ENV 325 ACP 76 RELEX 400 FIN 368 OCDE 10 WTO 112
Suġġett:	Sħubija Globali Ġdida għall-Qerda tal-Faqar u l-Iżvilupp Sostenibbli wara l- 2015 - Konklużjonijiet tal-Kunsill

Fil-laqgħa tiegħu tas-26 ta' Mejju 2015, il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet tal-Kunsill li jinsabu fl-Anness għal din in-nota.

**Sħubija Globali Ġdida għall-Qerda tal-Faqar u l-Iżvilupp Sostenibbli wara l-2015
- Konklużjonijiet tal-Kunsill -**

I. Introduzzjoni

1. L-Aġenda ta' Wara l-2015 tippreżenta opportunità kbira biex jiġu indirizzati l-isfidi interkonnessi tal-qerda tal-faqar u tal-iżvilupp sostenibbli. Il-massimizzazzjoni tagħha hija l-prijorità ewlenija għall-UE u l-Istati Membri tagħha. Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2014, il-Kunsill stabbilixxa l-pożizzjoni tal-UE dwar kif għandu jsir dan b'mod universali u trasformattiv. Dawn il-konklużjonijiet jikkomplementaw il-konklużjonijiet ta' Diċembru 2014 u jiżviluppaw aktar aspetti tas-sħubija globali l-ġdida meħtieġa biex jinkisbu l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli (SDGs).
2. Sabiex tiġi implimentata aġenda tant ambizzjuża, tinħtieġ sħubija globali ġdida għall-qerda tal-faqar u l-iżvilupp sostenibbli. Din għandha tittrasforma u ssaħħaħ il-mod li bih il-komunità internazzjonali taħdem flimkien.
3. Diġà nkiseb progress sinifikanti. Il-proposta mill-Grupp ta' Ħidma Miftuħ dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), ir-rapport tal-Kumitat Intergovernattiv ta' Esperti dwar il-Finanzjament tal-Iżvilupp Sostenibbli u r-rapport ta' sinteżi tas-Segretarjat Ġenerali tan-NU juru li jista' jintlaħaq qbil dwar Aġenda ta' Wara l-2015 ambizzjuża għall-poplu u għall-pjaneta li ma tħalli lil ħadd jaq' lura.

4. Avvenimenti internazzjonali ewlenin din is-sena ser iwittu t-triq lejn qafas globali ġdid li jiddefinixxi l-prijoritajiet kollettivi tagħna għas-snin li ġejjin. Eżitu ta' suċċess tat-Tielet Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp f'Lulju f'Addis Ababa (il-"Konferenza ta' Addis Ababa") ser tkun importanti biex jintlaħaq ftehim dwar qafas koerenti u trasformattiv ta' azzjoni fis-summit tan-Nazzjonijiet Uniti għall-adozzjoni tal-aġenda għall-iżvilupp ta' Wara l-2015 fi New York, kif ukoll il-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima f'Diċembru f'Pariġi. L-eżitu tat-tliet proċessi għandu jsaħħaħ u jenfasizza s-sinerġiji u l-kobenefiċċji bejn il-qerda tal-faqar u l-iżvilupp sostenibbli inkluż it-tibdil fil-klima.
5. Aħna nilqgħu b'sodisfazzjon il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Sħubija Globali għall-Qerda tal-Faqar u l-Iżvilupp Sostenibbli wara l-2015" bħala kontribut importanti biex tiġi żviluppata aktar il-pożizzjoni tal-UE u l-Istati Membri tagħha.

II. Prinċipji ta' gwida għal sħubija globali ġdida

6. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2014 stabbilixxew għadd ta' prinċipji ta' gwida għal sħubija globali ġdida. Aħna nafferimaw daww il-prinċipji ta' universalità, responsabbiltà konġunta, responsabbiltà reċiproka, kunsiderazzjoni tal-kapaċitajiet rispettivi, u approċċ li jinvolvi diversi partijiet ikkonċernati. Is-sħubija globali l-ġdida għandha wkoll tkun ibbażata fuq u tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza, in-nondiskriminazzjoni, l-istituzzjonijiet demokratiċi, il-governanza tajba, l-istat tad-dritt, l-inklużività, is-sostenibbiltà ambjentali u r-rispett tal-limiti tal-pjaneta. Id-drittijiet tan-nisa, l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet, barra milli huma għanijiet fihom infushom, huma mezz ewlieni ta' implimentazzjoni u għandhom jiġu promossi fil-livelli kollha.

7. Is-sħubija globali l-ġdida għandha tibni fuq, imma tmur ukoll lil hinn mill-MDG 8, biex tirrifletti l-bidla fil-mudell lejn aġenda universali, trasformattiva u inklużiva. Kollha jistgħu jikkontribwixxu b' mod sinifikanti biex tinkiseb l-aġenda. Is-sjieda u r-responsabbiltà nazzjonali ser ikunu ta' importanza ewlenija għall-Aġenda ta' Wara l-2015 u l-implimentazzjoni tagħha, inkluż permezz ta' impenji fil-livelli u l-istrumenti xierqa bħall-istrateġiji għall-iżvilupp sostenibbli. L-impenji għandhom isiru minn kulħadd, filwaqt li jirriflettu l-universalità tal-aġenda kif ukoll il-kapaċitajiet u l-bidliet differenti u li qed jevolvu fl-ekonomija globali. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma lesti li jagħtu sehemhom b' mod sħiħ, inkluż permezz ta' involviment internazzjonali u implimentazzjoni domestika. Aħna nistennew ukoll sħab oħrajn – inklużi atturi ġodda u emerġenti – biex jagħtu s-sehem xieraq tagħhom. Għandna bżonn infasslu l-impenji tagħna abbażi ta' responsabbiltà kondiviża biex jiġu indirizzati l-isfidi globali.
8. L-aġenda l-ġdida għandu jkollha l-għan li teqred il-faqar fil-forom kollha tiegħu u li tikseb żvilupp sostenibbli fit-tliet dimensjonijiet tiegħu f' manjiera bilanċjata u integrata. Din għandha ssaħħaħ id-determinazzjoni tagħna biex neqirdu l-faqar estrem f' ġenerazzjoni waħda, filwaqt li nibnu fuq il-ħidma li għadha ma tlestietx tal-MDGs u nlestuha. Il-mezzi ta' implimentazzjoni huma komponent importanti tal-Aġenda ta' Wara l-2015 u għandhom jiġu kkunsidrati b' mod komprensiv. Il-Konferenza ta' Addis Ababa m'għandhiex tivvaluta biss il-progress magħmul fl-implimentazzjoni tal-Kunsens ta' Monterrey u d-Dikjarazzjoni ta' Doha; hija għandha tħares ukoll 'il quddiem u tkopri l-mezzi kollha ta' implimentazzjoni, inkluż l-oqfsa abilitanti tal-politika u l-mobilizzazzjoni u l-użu effettiv ta' riżorsi finanzjarji u riżorsi oħrajn. Hija għandu jkollha approċċ integrat, tindirizza d-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-iżvilupp sostenibbli b' mod bilanċjat, tippromwovi l-koerenza politika, u tinkludi impenji u riżultati tanġibbli mill-atturi kollha. Id-dokument tal-eżitu tal-Konferenza għandu jinftiehem bħala l-pilastru tal-Mezzi ta' Implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Wara l-2015.

III. Komponenti ewlenin tas-sħubija globali

9. L-UE u l-Istati Membri tagħha jikkunsidraw dawn li ġejjin bħala komponenti ewlenin ta' approċċ komprensiv għall-mezzi ta' implimentazzjoni fil-kuntest ta' Sħubija Globali ġdida: (i) l-istabbiliment ta' politika ambjentali abilitanti u vantaġġuża fil-livelli kollha, (ii) l-iżvilupp tal-kapaċità biex jinkisbu r-riżultati; (iii) il-mobilizzazzjoni u l-użu effettiv tal-finanzi pubbliċi domestiċi; (iv) il-mobilizzazzjoni u l-użu effettiv tal-finanzi pubbliċi internazzjonali; (v) il-mobilizzazzjoni tas-settur privat domestiku u internazzjonali; (vi) l-istimolazzjoni tal-kummerċ u l-investimenti; (vii) il-promozzjoni tax-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni; u (viii) l-indirizzar tal-isfidi u l-isfruttar tal-effetti pożittivi tal-migrazzjoni. Barra minn hekk, sħubija globali ta' veru teħtieġ qafas ta' monitoraġġ, ta' responsabbiltà u ta' reviżjoni b'saħħtu, li għandu jkun parti integrali tal-Aġenda ta' Wara l-2015.

(i) Ambjentali ta' politika abilitanti u vantaġġuż fil-livelli kollha

10. Mingħajr politika soda u ambjent regolatorju, l-ebda mezz ieħor ta' implimentazzjoni mhu se jkollu impatt dejjiemi. Il-pajjiżi kollha għandhom jiżguraw li jkunu fis-seħħ politiki adegwati inklużi, per eżempju, permezz ta' oqfsa leġislattivi u regolatorji effettivi biex tiġi implimentata l-Aġenda ta' Wara l-2015 u jinkisbu l-SDGs.

11. Il-pajjiżi kollha jeħtieġ li jippromwovu istituzzjonijiet effettivi u inklużivi u jiżviluppaw politiki trasparenti bbażati fuq l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, li jrawmu n-nondiskriminazzjoni, id-drittijiet tan-nisa, l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tiżiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u tal-bniet, ir-responsabbiltà u l-parteċipazzjoni effettiva tas-soċjetà ċivili. Il-promozzjoni ta' soċjetajiet paċifiċi u inklużivi, tal-governanza tajba fil-livelli kollha u tal-aċċess għall-ġustizzja għal kulħadd hija mezz essenzjali tal-implimentazzjoni tal-aġenda u objettiv importanti fih innifsu. Din tinkludi t-tiżiħ r-rabta bejn il-paċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp sostenibbli u l-iżgurar ta' sistemi effettivi għall-ibbaġitjar, il-monitoraġġ tal-infiq u l-indirizzar tal-korruzzjoni.

12. Stati fraġli u milquta minn konflitti jeħtieġu attenzjoni speċjali u involviment internazzjonali sostnut sabiex jinkiseb żvilupp sostenibbli. L-għanijiet ta' bini tal-istat u l-konsolidazzjoni tal-paċi huma essenzjali biex tiġi żviluppata kapacià domestika biex kwistjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali jiġu integrati bis-siġħ mal-kwistjonijiet dwar is-sigurtà u l-iżvilupp.
13. L-istrumenti regolatorji jistgħu jiġu kkombinati ma' strumenti ekonomiċi, bħal inċentivi fiskali, pagamenti għal servizzi tal-ekosistema, l-ipprezzar tal-karbonju inkluż b'mod partikolari permezz tal-mekkaniżmi tas-suq u sistemi ta' skema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet, u l-bidliet tal-piżijiet tat-taxxa. Il-prinċipju ta' 'min iniġġes iħallas' jipprovdi gwida utli għall-għażla u t-tfassil ta' strumenti ta' politika. Għodod politiċi ewlenin oħra jinkludu l-akkwist pubbliku sostenibbli u l-eliminazzjoni gradwali ta' sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent li mhumiex kompatibbli mal-iżvilupp sostenibbli, inklużi għall-karburanti fossili, u li jippromwovu soluzzjonijiet li huma effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, li huma intelliġenti fil-livell klimatiku u li jikkontribwixxu b'mod aktar effettiv għall-qerda tal-faqar. Ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali hija wkoll essenzjali f'dan ir-rigward.
14. Impjieġ siġħ u produttiv u xogħol deċenti, inkluż l-implimentazzjoni ta' standards tax-xogħol ggwidati minn, fost l-oħrajn, il-konvenzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-ILO, huma l-qofol biex jiġu indirizzati l-inugwaljanza u l-esklużjoni soċjali. Għandu jkun hemm pjattaformi ta' protezzjoni soċjali adegwati u miżuri ta' żvilupp inklużivi u ekwitabbli għandhom jiġu integrati f'politiki soċjoekonomiċi rilevanti. Id-dritt tas-sħab soċjali li jkunu ħielsa li jinnegożjaw u jikkonkludu ftehimiet kollettivi huwa essenzjali. Id-djalogu soċjali huwa kruċjali biex tissaħħaħ id-demokrazija u biex tiżdied it-trasparenza. Barra minn hekk, biex jiġu miġġielda l-inugwaljanzi, il-leġislazzjoni, il-politiki u l-prattiki nazzjonali għandhom ikunu inklużivi u jiżguraw l-aċċess għal servizzi u prodotti għall-but ta' kulħadd, adegwati u ta' kwalità mingħajr diskriminazzjoni. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lil dawk l-aktar żvantaġġati u vulnerabbli, inklużi t-tfal, l-anzjani u l-persuni b'diżabbiltà, kif ukoll gruppi emarġinati u popli indiġeni. Il-pajjiżi kollha għandhom jiffaċilitaw l-investment fil-kapital uman permezz tal-edukazzjoni, l-iżvilupp tal-ħiliet u t-taħriġ u biex jiżguraw l-aċċess għal servizzi bażiċi bħas-saħħa u l-edukazzjoni.

15. Is-suċċess tal-Aġenda ta' Wara l-2015 teħtieġ koerenza tal-politika fil-livelli kollha. Il-pajjiżi fil-livelli kollha ta' żvilupp għandhom jiżguraw li l-politiki tagħhom jikkontribwixxu b'mod koerenti għall-prijoritajiet ta' żvilupp sostenibbli tagħhom, kemm lokalment kif ukoll internazzjonalment. Barra minn hekk, il-pajjiżi żviluppati u bi dħul medju superjuri u l-ekonomiji emerġenti għandhom jimpenjaw ruħhom biex jivvalutaw l-impatt li għandhom il-politiki tagħhom fuq pajjiżi ifqar. Koerenza politika teħtieġ koordinazzjoni adegwata, djalogu regolari bejn il-partijiet ikkonċernati u valutazzjoni ta' politiki.
16. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma impenjati għal Koerenza tal-Politika għall-Iżvilupp bħala kontribut ewlieni għall-isforz kollettiv lejn il-kisba ta' koerenza usa' tal-politika għall-iżvilupp sostenibbli. Fi ħdan l-UE, aħna impenjati wkoll biex jinħolqu l-kondizzjonijiet għal tkabbir intelliġenti, inklużiv u sostenibbli, inkluż permezz tal-istrateġija Ewropa 2020, l-Istrateġija Ewropea għal Żvilupp sostenibbli u s-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali. L-Istrateġija Ewropa 2020, pereżempju, fiha miri f'dak li għandu x'jaqsam mal-impjiegi, l-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp, it-tibdil fil-klima u l-enerġija, l-edukazzjoni, il-faqar u l-inklużjoni soċjali, u inizjattivi bħal dik dwar l-effiċjenza fir-riżorsi. Proċessi bħar-rieżami tal-Ewropa 2020 jistgħu jintużaw biex jiġu kondiviżi l-aħjar Prattiki u jinbnew l-għarfien u l-kuxjenza fost l-Istati Membri tal-UE inkluż fir- rigward tal-implimentazzjoni tal-SDGs.

17. Fil-livell globali, l-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Wara l-2015 ser teħtieġ ukoll sistema istituzzjonali internazzjonali effettiva, li tibni fuq u tiżviluppa strutturi u proċessi eżistenti, u kooperazzjoni finanzjarja u ekonomika aktar b'saħħitha. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jikkontribwixxu għat-titjib tal-kooperazzjoni reġjonali u globali, u ser jaħdmu biex jiżguraw li istituzzjonijiet multilaterali joperaw b' mod koerenti u jikkumplimentaw lil xulxin, filwaqt li jindirizzaw is-sinerġiji u r-rabtiet bejn il-politiki kull fejn ikun possibbli. Il-forniment u l-protezzjoni xierqa tal-beni pubbliċi globali u l-produzzjoni u l-konsum sostenibbli, ukoll jeħtieġu politiki u azzjonijiet internazzjonali u l-implimentazzjoni effettiva tagħhom kkoordinati, bħal pereżempju permezz ta' oqfsa internazzjonali bħall-qafas ta' wara l-2015 ta' Sendai għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastru u l-Programmi ta' Qafas ta' 10 snin dwar ix-xejriet talkonsum u l-produzzjoni sostenibbli - u l-ftehimiet internazzjonali dwar il-klima, il-bijodiversità, id-deżertifikazzjoni, l-ilma, il-kimiċi u l-iskart, l-ekosistemi, il-foresti u l-oċeani. L-effett amplifikanti tat-tibdil fil-klima fuq l-isfidi marbuta kemm mal-qerda tal-faqar kif ukoll l-iżvilupp sostenibbli jeħtieġ l-integrazzjoni attiva tal-kwistjonijiet tat-tibdil fil-klima fl-aġenda ta' wara l-2015 u s-sħubija globali li ser isservilha ta' bażi. L-Aġenda ta' Wara l-2015 għandha tkun konsistenti mad-dritt internazzjonali, inkluż b' mod partikolari l-konformità sħiħa mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Dritt tal-Baħar (UNCLOS). Il-politiki nazzjonali għandhom ikunu konsistenti ma' oqfsa legali internazzjonali, inkluż id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jikkontribwixxu għat-tiżiħ u l-iżvilupp ta' oqfsa internazzjonali.

(ii) L-iżvilupp tal-kapaċità biex jinkisbu r-riżultati

18. Aħna nissottolinjaw l-importanza ta' istituzzjonijiet effettivi u li għandhom il-kapaċità meħtieġa u l-ħiliet umani għall-implimentazzjoni tal-aġenda. Dan jinkludi l-iżgurar tal-kapaċità biex ifasslu u jimplimentaw politiki biex jindirizzaw l-isfidi ta' żvilupp sostenibbli u biex jadottaw miżuri, jiġbru d-data, jivvalutaw r-riżultati u jirrevedu l-istrateġiji.
19. Is-sħab kollha fil-kooperazzjoni internazzjonali għandhom isaħħu l-iżvilupp tal-kapaċità u jippromwovu l-kooperazzjoni teknika, billi jinvolvu l-partijiet kkonċernati kollha u jagħmlu sforz partikolari fil-pajjiżi l-anqas żviluppatti (LDCs), fi stati fraġli u affettwati minn konflitti u fi stati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw (SIDS).

20. L-iżvilupp tal-kapaċità biex tagħti r-riżultati teħtieġ ukoll ambjent abilitanti għas-soċjetà ċivili kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak internazzjonali. Involvement inklużiv taċ-ċittadini u tas-soċjetà ċivili huwa kruċjali għat-trawwim tas-sjieda demokratika, l-iżvilupp tal-effettività u s-sostenibbiltà tar-riżultati. Sħubijiet bejn diversi partijiet kkonċernati jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli u jiġbru flimkien l-għarfien u l-esperjenza ta' varjetà wiesgħa ta' atturi.
21. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma impenjati li jtejbu u jintegraw l-appoġġ għall-iżvilupp tal-kapaċità fl-oqsma kollha tas-sħubija globali permezz ta' approċċ bejn diversi partijiet ikkonċernati. Awtoritajiet lokali u subnazzjonali ser ikunu wkoll fuq quddiem nett tal-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Wara l-2015. L-iżvilupp tal-kapaċità fil-pajjiżi sħab huwa fattur ewlieni għat-titjib tal-effettività tal-iżvilupp, u l-UE u l-Istati Membri tagħha diġà jiffaċilitaw tagħlim bejn il-pari u n-networking permezz ta' inizjattivi bħal pereżempju l-kooperazzjoni teknika u l-programmi ta' żvilupp istituzzjonali. L-UE ser iżżid l-appoġġ tagħha għall-bini tal-kapaċità, inkluż fil-qasam tal-istatistika u l-monitoraġġ fil-pajjiżi sħab.
22. L-UE għandha żżid l-użu tal-esperjenza ta' transizzjoni tal-Membri tagħha fl-attivitajiet tagħha ta' bini tal-kapaċità. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jilqa' l-offerti magħmula mill-Istati Membri tal-UE li jagħmlu l-esperjenza u l-għarfien espert tagħhom disponibbli b'mod wiesa', pereżempju permezz tal-użu tal-Kompendju Ewropew tal-Esperjenza tat-Transizzjoni.

(iii) Il-mobilizzazzjoni u l-użu effettiv tal-finanzi pubbliċi domestiċi

23. Il-finanzi pubbliċi domestiċi huma bil-bosta l-akbar għajn ta' finanzjament stabbli u direttament disponibbli għal ħafna gvernijiet u għalhekk huma il-qofol tal-finanzjament għal żvilupp sostenibbli. Il-gvernijiet nazzjonali għandhom ir-responsabbiltà ewlenija li jimmobilizzaw u li jużaw ir-riżorsi pubbliċi b'mod effiċjenti. Barra minn hekk, it-tassazzjoni, kemm l-infiq kif ukoll il-ġbir, hija komponent importanti tal-kuntratt soċjali li hija l-bażi tar-responsabbiltà domestika.
24. Il-pajjiżi kollha għandhom jimpenjaw ruħhom li jiksbu livelli ta' dħul tal-gvern li jippermettulhom bl-aħjar mod li jiffinanzjaw b'mod sostenibbli, fil-livell domestiku, il-qerda tal-faqar u l-iżvilupp sostenibbli, inkluż permezz tat-tisħiħ tal-istituzzjonijiet responsabbli mill-politika għad-dħul u mill-ġbir u s-sorveljanza tagħhom.

25. Aħna nenfasizzaw l-importanza li l-iżvilupp sostenibbli jiġi integrat fil-finanzi pubbliċi domestiċi. Dan ikun jista' jinkiseb permezz ta' politiki u għodod bħall-kontabbiltà tal-kapital naturali, u bbaġitjar li jkun sensitiv għall-kwistjonijiet relatati mas-sessi u li jindirizza l-inugwaljanzi.
26. Il-pajjiżi kollha għandhom jimpenjaw ruħhom għal governanza tajba u jiżguraw li jkollhom fis-seħħ sistemi ta' ġestjoni effiċjenti u trasparenti tar-riżorsi pubbliċi, inkluż permezz tal-akkwist pubbliku, u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u d-dħul relatat. Hemm bżonn li tissaħħaħ il-verifika, il-ġlieda kontra l-frodi, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-miżuri kontra l-korruzzjoni, tittejjeb l-amministrazzjoni tat-taxxa u l-ġlieda kontra l-flussi finanzjarji illeċiti, l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa. Il-miżuri tat-trasparenza finanzjarja għandhom jissaħħu; din tista' tinkludi rapportar skont il-pajjiż u skambji relatati f'dan ir-rigward bejn l-awtoritajiet rilevanti, sistemi mtejbja tal-kontabbiltà pubblika, reġistri benefiċjarji ta' sjieda ta' kumpanniji u reġistri benefiċjarji ta' sjieda għal trusts li jiġġeneraw konsegwenzi fiskali u investigazzjoni msaħħa u risponsi ta' infurzar tal-liġi. L-eżiti tal-G20 u l-OECD f'dan ir-rigward, inkluż il-proġett tal-erożjoni tal-bażi u trasferiment tal-profitt (BEPS), għandhom jiġu kkunsidrati u implimentati. It-trasparenza u r-responsabbiltà fl-industriji estrattivi għandhom jidiedu wkoll, per eżempju permezz tad-divulgazzjoni tal-pagamenti lill-gvernijiet.
27. Il-kooperazzjoni internazzjonali hija meħtieġa biex jiġu indirizzati l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa u l-flussi finanzjarji illeċiti, inkluż frifugġi fiskali, u biex ikun żgurat ambjent fiskali trasparenti u kooperattiv li jippermetti l-mobilizzazzjoni tad-dħul domestiku. Għandu jingħata appoġġ xieraq lill-pajjiżi biex jiżviluppaw il-kapaċità biex jaqdu rwol aktar b'saħħtu f'dak li għandu x'jaqsam ma' dawn il-kwistjonijiet.
28. Il-pajjiżi jeħtieġu aċċess kontinwu u fit-tul għall-finanzi minn firxa ta' sorsi. Il-finanzjament tad-dejn sostenibbli, sostnut minn ġestjoni effettiva tad-dejn u ggwidat mill-Qafas tas-Sostenibbiltà tad-Dejn tal-FMI/Bank Dinji huwa l-pedament ta' stabbiltà finanzjarja.

29. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma impenjati li jkomplu l-forniment tagħhom ta' appoġġ għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw fit-tisħiħ tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi tagħhom, inklużi sistemi tat-taxxa. L-isfidi speċifiċi tal-LDCs u l-istati fraġli u affettwati minn konflitti jeħtieġu attenzjoni speċjali. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jipromwovu ambjent fiskali internazzjonali trasparenti, kooperattiv u ġust f'konformità mal-prinċipji ta' governanza tajba.

(iv) Il-mobilizzazzjoni u l-użu effettiv tal-finanzi pubbliċi internazzjonali

30. Il-finanzjament pubbliku internazzjonali jibqa' element importanti u katalitiku tal-finanzjament ġenerali disponibbli għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u b'mod partikolari għall-pajjiżi l-aktar fil-bżonn, inklużi l-istati fraġli u affettwati mill-konflitti. Huwa ma jinkludix biss l-għajjnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) iżda wkoll flussi uffiċjali oħra, il-kooperazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar u l-kooperazzjoni trijangolari, li żdiedu b'mod sinifikanti fil-volum u fl-importanza f'dawn l-aħħar snin.

31. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma donaturi ġenerużi tal-ODA, peress li pprovdew annwalment aktar min-nofs l-ODA f'dawn l-aħħar snin. Minkejja li l-ODA hija kwantità żgħira għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw kollha kemm huma, hija sors ewlieni ta' finanzjament għal-LDCs u l-istati fraġli, li b'mod partikolari għandhom nuqqas ta' kapacià domestika biex jiġbru finanzjament minn sorsi oħra. L-ODA tista' wkoll tgħin fil-kisba ta' mezzji oħra ta' implimentazzjoni, b'mod partikolari l-finanzjament domestiku pubbliku u l-investiment tas-settur privat, iżda wkoll ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni.

32. L-UE, għalhekk tafferma mill-ġdid l-impenn kollettiv tagħha li tilħaq l-mira ta' 0.7% tal-ODA/DNG fil-perijodu ta' żmien tal-aġenda ta' wara l-2015. L-Istati Membri li nġhaqdu mal-UE qabel l-2002 jirriaffermaw l-impenn tagħhom li jilhqqu l-mira ta' 0.7% tal-ODA/DNG, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi baġitarji, filwaqt li daww li laħqu dik il-mira jimpenjaw lilhom infushom li jżommu mal-mira jew jaqbżuha; l-Istati Membri li nġhaqdu mal-UE wara l-2002 jaħdmu bis-siħ biex iżidu l-ODA/DNG tagħhom għal 0.33%.

33. Il-komunità internazzjonali għandha tgħin ukoll biex timmira r-riżorsi fejn hemm l-aktar bżonn tagħhom, b'mod speċjali l-LDCs u l-pajjiżi fi stat ta' fraġilità u konflitt. Fil-kuntest tal-impenn totali tal-ODA u filwaqt li tirrispetta b'mod sħiħ il-prijoritajiet individwali tal-Istati Membri fl-għajjnuna għall-iżvilupp l-UE ttenni l-impenn tagħha li tappoġġa l-LDCs. L-UE timpenja ruħha li kollettivament tilħaq il-mira ta' 0.15% - 0.20% ta' ODA/DNG għal LDCs fil-perijodu qasir, u li tilħaq 0.20% ta' ODA/DNG għal LDCs fil-perijodu ta' żmien tal-aġenda ta' wara l-2015.
34. F'konformità mar-rapport ta' sinteżi tas-Segretarju Ġenerali tan-NU l-impjenji ser ikunu meħtieġa minn kulħadd, inklużi pajjiżi żviluppanti u pajjiżi bi dħul medju superjuri (UMICs) u ekonomiji emerġenti sabiex jinkisbu l-SDGs. L-UE u l-Istati Membri tagħha jappellaw lil pajjiżi oħra bi dħul għoli biex jimpenjaw ruħhom ukoll li jilħqu l-mira ta' 0.7% tal-ODA/DNG u l-miri ta' 0.15-0.20% ODA/DNG għal LDCs fil-perijodu ta' żmien tal-aġenda ta' wara l-2015. L-ekonomiji emerġenti u l-UMICs għandhom ukoll iżidu l-appoġġ finanzjarju tagħhom lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw u lil-LDCs b'mod partikolari, u għandhom jistabbilixxu miri biex isir dan fil-perijodu ta' żmien tal-aġenda ta' wara l-2015.
35. L-UE tirrikonoxxi wkoll l-isfidi partikolari li qed jiffaċċjaw il-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Afrika, u f'dan ir-rigward tenfasizza l-importanza li tiġi mmirata ODA għall-kontinent, filwaqt li tirrispetta b'mod sħiħ il-prijoritajiet individwali tal-Istati Membri fl-għajjnuna għall-iżvilupp. L-UE ttenni l-impenn politiku qawwi tagħha lejn l-Afrika u timpenja ruħha li tiprijoritizza aktar u żżid l-assistenza finanzjarja tagħha għall-Afrika. Waqt li tfakkar fl-impjenji internazzjonali preċedenti lejn il-kontinent, l-UE tistenna bil-ħerqa li jintlaħaq qbil dwar l-impjenji internazzjonali sinifikanti għall-Afrika, fil-kuntest tal-konferenzi internazzjonali previsti għall-2015.

36. Ir-riżorsi pubbliċi internazzjonali kollha mill-fornituri kollha għandhom jikkontribwixxu fl-appoġġ tal-qerda tal-faqar u l-iżvilupp sostenibbli b'mod bilanċjat u integrat li huwa kemm intelliġenti fil-livell klimatiku kif ukoll reżiljenti għat-tibdil fil-klima u tolleranti għall-ekosistema. Huma għandhom jiġu forniti u jintużaw b'mod effettiv u effiċjenti, f'konformità ma' prinċipji tal-effettività tal-iżvilupp inkluż is-sjieda, it-trasparenza u r-responsabbiltà reċiproka u l-enfasi fuq ir-riżultati. Il-fornituri kollha għandhom jaspiraw li jissodisfaw l-impenji internazzjonali li jipprovdu informazzjoni f'waqtha, komprensiva u prospettiva dwar il-flussi tar-riżorsi tal-iżvilupp bl-użu ta' standards ta' data miftuħa. Hemm bżonn ta' sforzi minn kulħadd biex titnaqqas il-frammentazzjoni tal-arkitettura tal-kooperazzjoni internazzjonali għall-iżvilupp sabiex tippermetti implimentazzjoni effettiva fuq livell ta' pajjiżi. Għal dan l-għan jistgħu jintużaw l-akkomunament ta' mekkaniżmi għall-finanzjament u l-istrumenti ta' mitigazzjoni tar-riskju, inkluż permezz ta' kanali multilaterali b'mod partikolari għall-forniment ta' beni pubbliċi globali. Barra minn hekk, huwa importanti li jiġu rikonoxxuti u inċentivati ulterjorment l-isforzi li qed isiru lil hinn mill-ODA, b'appoġġ għall-qerda tal-faqar u l-iżvilupp sostenibbli. U f'dan ir-rigward nistennew b'interess id-diskussjoni li għaddejja dwar miżura ta' statistika ġdida, konplimentari għall-ODA, ta' appoġġ uffċjali sħiħ għall-iżvilupp sostenibbli, mal-partijiet ikkonċernati kollha.
37. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma impenjati li jtejbu l-effikaċja tal-politiki tagħhom dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp, f'konformità mal-impenji tagħhom skont is-Sħubija Globali dwar Kooperazzjoni Effettiva għall-Iżvilupp (GPEDC), li toffri speċjalizzazzjoni għal sħubijiet ta' kwalità inklużi l-aħjar prattiċi, u li jiġu segwiti l-prinċipji ta' Busan għal kooperazzjoni għall-iżvilupp effettiva. Aħna nappellaw lill-oħrajn biex jagħmlu l-istess.

38. Il-finanzjament innovattiv jista' jieħu ħafna forom, u għandu l-għan li jimmobilizza u jipprovdi riżorsi b'mod prevedibbli, affidabbli u effiċjenti kif ukoll jiddiversifika l-għodod finanzjarji ddedikati għall-iżvilupp. Il-komunità internazzjonali għandha tkompli tesplora l-użu ta' sorsi u mekkaniżmi innovattivi għall-użu ta' finanzjament pubbliku internazzjonali, bħal faċilitajiet ta' taħlit tal-UE, u billi jiġi ingranat finanzjament addizzjonali, bħal imposti u taxxi internazzjonali li joriġinaw minn kisbiet mill-globalizzazzjoni, għall-qerda tal-faqar u għall-iżvilupp sostenibbli, inkluża azzjoni klimatika. Il-Kunsill ikompli jirrikonoxxi l-potenzjal tat-taħlit għall-finanzjament ta' proġetti li bl-ebda mod ieħor ma jattiraw finanzjament u investituri privati minħabba l-profil ta' riskju għoli tagħhom u/jew minħabba l-profittabbiltà baxxa tagħhom. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jappella biex issir enfasi fuq il-finanzjament diversifikat li jsir possibbli bit-taħlit, kemm mis-settur pubbliku kif ukoll dak privat. It-taħlit għandu jkollha b'mod sħiħ is-sostenibbiltà u l-kontabbiltà tad-dejn u jevita disturbi fis-suq u riskji baġitarji.
39. L-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali (IFIs) u l-banek ta' żvilupp multilaterali u bilaterali huma atturi kruċjali biex jintlaħqu l-SDGs. Dawn huma importanti biex jipprovdu finanzjament tal-iżvilupp immirat kif ukoll finanzjament għall-forniment ta' beni pubbliċi globali, inkluż billi tiġi appoġġata t-transizzjoni għal ekonomiji b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u għandhom jiżviluppaw ulterjorment l-istrumenti tagħhom biex tingħata spinta lill-finanzjament privat u jitnaqqsu r-riskji filwaqt li jiġi żgurat li finazi addizzjonali jiġu mmirati biex jiffinanzjaw SDGs fil-mandati rispettivi tagħhom. L-IFIs għandhom jintensifikaw l-appoġġ għal governanza tajba, inklużi sistemi tat-taxxa trasparenti u ġusti u għall-ġlieda kontra l-flussi finanzjarji illeċiti. Is-salvagwardji ambjentali u soċjali ser ikunu kruċjali fl-operazzjonijiet kollha tal-IFIs b'mod partikolari meta tiġi żviluppata infrastruttura sostenibbli u l-IFIs għandu jkollhom rwol ewlieni f'din. L-UE tilqa' l-appoġġ imħabbar tal-IFI's għall-implimentazzjoni tal-aġenda ta' wara l-2015 ¹.

¹ Laqgħat tal-Bank Dinji/FMI tar-Rebbiegħa April 2015: Komunikat tal-Kumitat għall-Iżvilupp.

40. L-UE u l-Istati Membri tagħha b'mod partikolari jirrikonoxxu l-hteġa li jiġu mobilizzati b'mod adegwat il-flussi tal-ODA u għejjun oħra ta' finanzjament li jmorru għall-ibliet u awtoritajiet lokali u sottonazzjonali oħrajn u ser jipprovdu tisħiħ tal-kapaċitajiet adegwat biex jgħinu lil dawn l-awtoritajiet jimmobilizzaw u jużaw il-finanzi pubbliċi u privati b'mod effiċjenti.

(v) *Il-mobilizzazzjoni tas-settur privat domestiku u internazzjonali*

41. L-isfruttar tal-potenzjal tal-intrapriża privata, inkluż permezz ta' sħubijiet pubbliċi-privati, huwa ċentrali għall-iżvilupp sostenibbli. It-tkabbir ekonomiku li huwa mmexxi mis-settur privat huwa l-kreatur prinċipali ta' impjegi u bħala tali jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-faqar. Is-settur privat għandu jkun involut bis-sħiħ fl-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Wara l-2015. Il-finanzi privati, inkluż il-finanzi minn investituri istituzzjonali, huma akbar mir-riżorsi pubbliċi kollha f'daqqa. Il-ħolqien ta' ambjent kummerċjali favorevoli u stabbli għas-settur privat u għall-investimenti huwa ta' importanza ċentrali, inklużi kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, kif huwa l-każ ta' dawk l-istituzzjonijiet responsabbli u effiċjenti li jaġixxu skont l-istat tad-dritt. Strumenti bħalma huma l-Qafas ta' Politika għall-Investment (PFI) tal-OECD huma għodod ta' valur biex jappoġġaw lill-gvernijiet fil-valutazzjoni tal-klima kummerċjali u biex jifasslu r-riformi. Is-settur privat jista' jixpruna trasformazzjoni lejn aktar produttività, effiċjenza fir-riżorsi, enerġija sostenibbli, tisħiħ tar-reżiljenza u konsum u produzzjoni aktar sostenibbli billi jiġu indirizzati kwistjonijiet bħalma huma l-ambjent, it-trasparenza, il-vuċi u s-setgħa, ix-xogħol deċenti, u l-aċċess għall-protezzjoni soċjali.
42. Sistemi finanzjarji inklużivi u stabbli huma importanti biex jimmobilizzaw il-kapital lokali mis-settur privat. Għalhekk jeħtieġ li nappoġġaw politika favorevoli u qafas regolatorju għas-settur finanzjarju, għat-tisħiħ tal-infrastruttura finanzjarja u għall-bini ta' istituzzjonijiet finanzjarji orjentati lejn il-klijent u sostenibbli li jimmobilizzaw it-tfaddil domestiku.

43. Aħna nissottolinjaw l-importanza tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju u intrapriżi tal-ekonomija soċjali għall-ħolqien tal-impjegi u l-iżvilupp sostenibbli, kif ukoll ir-rwol kruċjali li jaqdu l-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar. L-isforzi biex jittejjeb l-aċċess għall-finanzjament għal intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, u biex tapprofondixxi l-inklużjoni finanzjarja, b'mod partikolari għat-tisħiħ ekonomiku tan-nisa, għandhom jiġu intensifikati. Hemm il-ħtieġa li tiġi inkentivata l-formalizzazzjoni progressiva tas-settur informali. Aħna għandna nitgħallmu mill-esperjenza, naqsmu l-għarfien espert u nipprovdu appoġġ għall-bini ta' kapaċità biex jinkiseb dan.
44. Ir-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji (CSR), inkluża d-dimensjoni ambjentali tagħha, għandha tkun element ċentrali tal-investimenti tas-settur privat. Għandha tinkludi r-rispett għal, u l-implimentazzjoni ta', linji gwida u prinċipji rikonoxxuti internazzjonalment, bħal pereżempju l-prinċipji gwida tan-NU dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem, id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO dwar il-Prinċipji li jikkonċernaw Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali, l-Istandard ta' Gwida 26000 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO) dwar ir-Responsabbiltà Soċjali, il-Patt Globali tan-NU u l-Linji Gwida tal-OECD għal Intrapriżi Multinazzjonali, u għandha wkoll tibni fuq ftehimiet internazzjonali eżistenti, bħal Ftehimiet Ambjentali Multilaterali (MEAs). Huma meħtieġa sforzi addizzjonali biex tittejjeb id-diliġenza dovuta, tiġi żgurata valutazzjoni tar-riskju suffiċjenti, jissaħħu l-premji tas-suq għas-CSR u jittejjeb il-kxif mill-intrapriżi ta' tagħrif ta' governanza, soċjali u ambjentali u ta' rapportar tas-sostenibbiltà. In-negozju għandu jiġi mħeġġeġ biex javvanza l-ugwaljanza bejn is-sessi permezz ta' azzjonijiet li jikkontribwixxu għat-tisħiħ ekonomiku tan-nisa, inkluż is-sehem tan-nisa fit-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livelli kollha u li jistabilixxu paga ugwali għal xogħol ugwali u xogħol ta' valur ugwali. Hemm bżonn li jkun hemm oqfsa xierqa u effettivi biex jiżguraw il-konformità, inkluż fir-rigward ta' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u finanzjarji. Aħna ser inkomplu nimpnejaw ruħna mas-settur privat biex nipromwovu katini tal-valur responsabbli u globali, nipromwovu użu aktar sostenibbli tar-riżorsi, l-investment fil-kapital naturali u r-rażan tal-flussi finanzjarji illeċiti.

45. Biex tisfrutta l-potenzjal tas-settur privat u jiġi mobilizzat finanzjament privat addizzjonali, inkluż minn fondazzjonijiet u l-filantropija, jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-inċentivi t-tajba, inkluż permezz tal-politika u r-regolamenti. Strumenti finanzjarji innovattivi, bħat-taħlit bl-użu ta' ekwità, self u garanziji, jistgħu jkunu importanti għall-mobilizzazzjoni tal-investment privat għal prijoritajiet ta' politiki li jappoġġaw l-iżvilupp sostenibbli u l-qerda tal-faqar. It-taħlit jista' jintuża biex jiġi attirat finanzjament privat għall-iżvilupp permezz ta' kondiviżjoni tar-riskju u ta' tnaqqis tal-ispejjeż. Dawn l-istrumenti jistgħu jikkontribwixxu għal tkabbir kompatibbli mal-ambjent, il-ħolqien tal-impjiegi, l-innovazzjoni u l-appoġġ tal-azzjoni klimatika, fost affarijiet oħra.

(vi) L-istimolazzjoni tal-kummerċ u l-investimenti

46. Il-kummerċ huwa wieħed mill-fatturi ewlenin għat-tkabbir inklużiv u l-iżvilupp sostenibbli, u huwa mezz essenzjali ta' implimentazzjoni għall-Aġenda ta' Wara l-2015. L-UE tirrikonoxxi s-supremazija tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ rigward kwistjonijiet kummerċjali fil-livell globali. Fil-livell domestiku, kull pajjiż għandu r-responsabbiltà primarja biex jiġu massimizzati l-benefiċċji potenzjali mill-kummerċ permezz ta' governanza tajba, politiki sodi, ambjent regolatorju stabbli li huwa favorevoli għas-settur privat u għall-intraprenditorija sostenibbli, l-innovazzjoni, l-investment, u l-ġestjoni sostenibbli tal-katina ta' provvista. Dan jista' jiġi ffaċilitat permezz ta' Għajjnuna għall-Kummerċ u bini ta' kapaċità relatat. Il-pajjiżi żviluppati u l-ekonomiji emerġenti kollha għandhom jimmiraw aħjar l-Għajjnuna għall-Kummerċ tagħhom lil pajjiżi li qed jiżviluppaw, billi jżidu l-proporzjon ta' għajjnuna għall-kummerċ li tmur għal-LDCs u pajjiżi oħrajn li qed jiżviluppaw l-aktar fil-bżonn. L-isforzi għandhom jiffokaw fuq l-LDCs u pajjiżi oħra li qed jiżviluppaw li huma l-aktar fil-bżonn. Il-ħtiġijiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw imdawrin bl-art (LLDCs), li għalihom il-faċilitazzjoni tal-kummerċ u l-infrastruttura kummerċjali huma l-muturi ewlenin tal-iżvilupp, kif ukoll is-SIDS, għandhom jiġu kkunsidrati. Il-membri tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) għandhom iħejju preferenzi li huma kummerċjalment sinifikanti għas-servizzi tal-LDC u għall-fornituri tas-servizzi fil-kuntest tal-eżenzjoni mis-servizz għal-LDC tal-GATS. Huwa importanti li jiġi promoss il-livell reġjonali. Il-kooperazzjoni reġjonali għandha tiġi kkunsidrata kif dovut – ftehimiet ta' kummerċ reġjonali u interreġjonali għandhom il-potenzjal li jsostnu l-integrazzjoni u l-aċċess aktar wiesa' ta' katini tal-valur reġjonali u globali. L-iżvilupp ta' katini tal-valur globali sostenibbli huwa fattur ewlieni għat-twettiq tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli globali. Pajjiżi li jidħlu fi ftehimiet kummerċjali għandhom jikkunsidraw l-impatt tagħhom fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-iżvilupp sostenibbli.

47. Il-pajjiżi żviluppanti u l-ekonomiji emerġenti kollha għandhom jagħtu aċċess mingħajr dazju u mingħajr kwoti għas-swieq tagħhom lill-prodotti tal-LDCs, ħliet l-armi u l-munizzjon. Il-pajjiżi kollha għandhom jindirizzaw dejjem aktar il-kwistjonijiet 'interni' ('behind-the-border') bħal ma huma: il-faċilitazzjoni tal-kummerċ; ir-regolamenti u l-istandards tekniċi, ir-regolamenti tax-xogħol u ambjentali; l-investiment; is-servizzi; id-drittijiet ta' proprjetà intellettuali; l-akkwiżt pubbliku. Regoli tal-oriġini trasparenti u simplifikati jistgħu jstimulaw il-kummerċ, inkluż fil-livell reġjonali.
48. Il-politika kummerċjali, inklużi l-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment għandhom jintegraw sew l-iżvilupp sostenibbli inklużi d-dimensjonijiet soċjali u ambjentali. Għandu jkun hemm appoġġ akbar għal sforzi multilaterali u l-ftehim plurilaterali dwar il-prodotti u s-servizzi ambjentali, u għall-implimentazzjoni tal-istandards ewlenin tax-xogħol tal-ILO u konvenzjonijiet fundamentali, kif ukoll għall-implimentazzjoni tal-MEAs. Il-promozzjoni ta' linji gwida u standards internazzjonali, kif ukoll skemi pubbliċi u privati ta' sostenibbiltà jistgħu wkoll jipprovdu benefiċċji ekonomiċi, ambjentali u soċjali. Aħna nnefasizzaw il-ħtieġa li jiġi miġġieled il-kummerċ illegali fil-forom kollha tiegħu.
49. L-UE dejjem kienet minn ta' quddiem fl-isforzi biex il-kummerċ jaħdem għal tkabbir inklużiv u żvilupp sostenibbli : is-suq tagħna huwa l-aktar wieħed miftuħ għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b' aċċess għall-kummerċ għal-LDC's kompletament mingħajr dazju u mingħajr kwoti, ħliet armi u munizzjon; l-UE u l-Istati Membri huma kollettivament l-akbar fornitur ta' Għajnuna għall-Kummerċ; il-ftehimiet ta' kummerċ tagħna huma komprensivi; u integrajna l-iżvilupp sostenibbli inklużiv fil-politika tagħna tal-kummerċ u l-investiment. L-UE tippromwovi attivament l-iżvilupp u l-integrazzjoni reġjonali li jistgħu jgħinu lill-pajjiżi jtejbu l-kompetittività fis-suq globali, jstimulaw il-kummerċ, l-investiment u l-mobbiltà, u jikkontribwixxu biex irawmu l-paċi u l-istabbiltà.
50. L-UE hija impenjata li l-Għaxar Konferenza Ministerjali li jmiss (MC10) tad-WTO f' Nairobi f' Diċembru 2015 tkun suċċess u li n-negozjati taċ-Ċiklu ta' Doha għall-Iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-eżitu tal-pakkett ta' Bali, inkluż il-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ u elementi tal-LDC jimxu b'mod deċiżiv 'il quddiem. L-implimentazzjoni ta' dawn għandha tkun prijorità.

(vii) Il-promozzjoni tax-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni

51. L-investimenti fix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni (STI) huma vitali għall-kisba tal-qerda tal-faqar u tal-iżvilupp sostenibbli kif ukoll biex jiġu identifikati u indirizzati sfidi soċjetali globali urġenti. Sabiex jittejjeb it-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza, hemm bżonn li jittejjeb il-kollegament bejn ix-xjenza u l-politika. Il-pajjiżi kollha għandhom iżidu l-kooperazzjoni bilaterali, reġjonali u multilaterali dwar STI biex jipromwovu l-implimentazzjoni tal-SDGs. L-UE hija impenjata li trawwem STI, pereżempju permezz tal-programm qafas tagħha għar-riċerka u l-innovazzjoni. L-Orizzont 2020 ser jappoġġa wkoll l-iżvilupp sostenibbli, kemm fi ħdan l-UE kif ukoll f' kooperazzjoni ma' sħab internazzjonali. L-UE tirrikonoxxi wkoll ir-rwol importanti tal-pajjiżi bi dħul medju (MICs) u l-ħtieġa ta' involviment effettiv magħhom f'kooperazzjoni dwar ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni kif ukoll fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet. Il-pajjiżi kollha għandhom jimpenjaw ruħhom li jikkooperaw flimkien biex jiżviluppaw soluzzjonijiet innovattivi għall-iżvilupp sostenibbli.
52. Il-pajjiżi żviluppati u, dejjem aktar, l-ekonomiji emerġenti, għandhom rwol importanti x'jaqdu mil-lat tal-iżvilupp, it-trasferiment u t-tixrid tat-teknoloġija, il-bini tal-kapaċità, u l-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika, b'mod partikolari mal-LDCs. L-investment u l-impenn fit-tul, inkluż mal-komunitajiet lokali u l-utenti finali huma meħtieġa għal suċċess f'dan il-qasam.
53. Għalkemm is-settur pubbliku jaqdi rwol importanti wkoll, il-maġġoranza tat-teknoloġiji huma proprjetà tas-settur privat u l-importanza ta' sħubijiet relatati bejn diversi partijiet ikkonċernati għandha tiġi enfasizzata f'dan ir-rigward. L-iżvilupp, it-trasferiment u t-tixrid ta' teknoloġiji għandu jiġi inkuraġġit permezz ta' ambjent politiku favorevoli u inċentivi xierqa, fuq termini miftiehma b'mod reċiproku. F'dan ir-rigward, nenfasizzaw l-importanza tal-protezzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali fil-livelli kollha f'konformità mar-regoli tad-WTO u l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettuali (WIPO) u tal-bini tal-kapaċità sabiex isir l-aktar użu effiċjenti tat-teknoloġiji disponibbli.

54. Il-promozzjoni tar-riċerka relatata mal-ICT u l-innovazzjoni diġitali kif ukoll l-użu effettiv ta' teknoloġiji ġodda u innovattivi, b'mod partikolari l-ICT, joħolqu ambjent favorevoli għal tkabbir sostenibbli u inklużiv. Il-pajjiżi għandhom jibnu soċjetajiet tal-informazzjoni miftuħa, fejn kulħadd ikollu aċċess għal teknoloġiji diġitali u jkunu adottati oqfsa legali biex jiproteġu s-sigurtà, il-libertà ta' espressjoni, l-aċċess għall-informazzjoni u l-privatezza fl-era diġitali.
55. In-NU għandha tkompli tiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni dwar mekkaniżmi relatati mat-teknoloġija eżistenti, inklużi għal teknoloġiji li jirrispettaw l-ambjent, u jippromwovu l-koordinazzjoni bejniethom, b'kont meħud tal-isfidi speċifiċi li qed jiffaċċjaw l-LDCs.

(viii) L-indirizzar tal-isfidi u l-isfruttar tal-effetti pożittivi tal-migrazzjoni

56. Ġestjoni tajba tal-migrazzjoni u l-mobbiltà tista' tagħmel kontribut pożittiv biex tiffaċilita t-tkabbir inklużiv u l-iżvilupp sostenibbli. Il-migrazzjoni għandha tiġi indirizzata b'mod olistiku, filwaqt li jqis bis-sħiħ l-opportunitajiet u l-isfidi tal-migrazzjoni għall-iżvilupp. L-Isħubija Globali l-ġdida għandha trawwem strateġija aktar kollaborattiva biex jiżdiedu l-benefiċċji tal-migrazzjoni internazzjonali għall-iżvilupp sostenibbli u biex jitnaqqsu l-vulnerabilitajiet. Il-pajjiżi kollha jridu jagħmlu sforzi biex jiġġestixxu l-migrazzjoni b'mod effettiv b'rispett sħiħ lejn id-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità tal-migranti. Dan jirrikjedi li kemm il-migrazzjoni legali kif ukoll dik irregolari f'pajjiżi ta' oriġini, ta' tranżitu u dawk ta' destinazzjoni jiġu indirizzati fi sħubija, inkluża l-ġlieda kontra l-kuntrabandu ta' migranti u t-traffikar tal-bnedmin, b'mod partikolari billi jiġu miġġielda n-netwerks kriminali. L-UE hija impenjata li tiżgura koerenza bejn il-migrazzjoni u l-politiki u l-oġettivi tal-iżvilupp u li tisfrutta l-kontribut tad-dijaspora għall-iżvilupp. L-Approċċ Globali tal-UE għall-Migrazzjoni u l-Mobbiltà jipprovdi qafas effiċjenti għal kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi dwar kwistjonijiet ta' migrazzjoni b'modi li jkunu ta' benefiċċju reċiproku.
57. Hemm il-bżonn ta' inizjattivi li jippermettu lill-migranti jżommu parti akbar ta' dak li jaqilgħu, partikolarment billi tittejjeb l-inklużjoni finanzjarja, inkluż l-aċċess għas-servizzi finanzjarji, u jitnaqqsu l-ispejjeż tat-trasferiment u li tiġi żgurata s-sigurtà tal-kanali tar-rimessi. Spejjeż oħra marbuta mal-migrazzjoni u l-mobbiltà, bħan-nuqqasijiet ta' ħilet minħabba l-emigrazzjoni u l-ispejjeż tar-reklutaġġ, jeħtieġ li jiġu indirizzati wkoll. Għandhom jiġu pprovduti possibiltajiet għal rikonossiment transkonfinali tal-ħilet.

58. Barra minn hekk għandna nindirizzaw prattiki ta' reklutaġġ mingħajr skrupli, ngħinu sabiex jiġu stabbiliti opportunitajiet attraenti ta' investiment għad-dijaspora, u niproteġu d-drittijiet ta' persuni spostati. Għandna nżidu l-kooperazzjoni dwar l-aċċess għal, u l-portabbiltà ta', benefiċċji ggwadanjati f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-ftehimiet internazzjonali rilevanti.

IV. Il-monitoraġġ, ir-responsabbiltà u r-rieżami

59. L-UE u l-Istati Membri tagħha jibqgħu impenjati lejn l-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' qafas b'saħħtu ta' monitoraġġ, responsabbiltà u rieżami li għandu jkun parti integrali tal-Aġenda ta' Wara l-2015. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill minn Diċembru 2014 jistabbilixxu prinċipji ewlenin li għandhom jiggwidawhom f'dan l-isforz. Għandu jkun hemm qafas globali li jkopri l-aspetti kollha tal-għanijiet u l-miri tal-iżvilupp sostenibbli u l-mezzi kollha ta' implimentazzjoni, inklużi l-aspetti kollha ta' finanzjament.

60. Fit-tishiġ tan-natura universali tal-Aġenda ta' Wara l-2015, l-oġettivi prinċipali tal-qafas ta' monitoraġġ, ta' responsabbiltà u ta' rieżami għandhom ikunu: il-monitoraġġ tal-progress globali, it-trawwim tal-iskambju tal-aħjar prattiki u t-tagħlim reċiproku inkluż l-indirizzar kollettiv tal-isfidi komuni; l-involvement attiv tal-partijiet interessati kollha; u l-provediment ta' fokus politiku u ta' tmexxija biex l-azzjoni ulterjuri tiġi motivata u iċċentivata.

61. Il-qafas għandu jopera f'livell nazzjonali, reġjonali u globali, u jibni fuq sistemi diġà stabbiliti għall-monitoraġġ u r-responsabbiltà. Aħna nħeġġu lill-pajjiżi kollha biex jimpenjaw ruħhom għall-proċessi minn partijiet interessati multipli ta' monitoraġġ, ta' responsabbiltà u ta' rieżami u jistabbilixxu sistemi għal responsabbiltà fuq livell nazzjonali fuq il-bażi ta' strateġiji nazzjonali għall-iżvilupp sostenibbli jew oqfsa oħra rilevanti. Il-parlamenti nazzjonali, il-gvernijiet lokali u l-atturi tas-soċjetà ċivili, inklużi l-istituzzjonijiet tal-għarfien, għandhom rwoli importanti f'dan il-kuntest bħalma għandhom istituzzjonijiet supremi ta' awditjar u istituzzjonijiet ta' sorveljanza indipendenti oħra. Il-monitoraġġ fuq livell nazzjonali għandu jikkontribwixxi wkoll lejn il-monitoraġġ fuq livell globali inkluż permezz tal-provediment ta' statistika u informazzjoni rilevanti oħra dwar l-indikaturi globali. Il-livell reġjonali jista' jipprovdi forum utli għall-evalwazzjoni bejn il-pari u t-tagħlim, u jinkoraġġixxi lill-pajjiżi biex jistabbilixxu miri ambizzjużi u jstimulaw l-implimentazzjoni. Il-ħidma fil-livell reġjonali tista' tgħin ukoll biex jiġi żgurat progress fuq kwistjonijiet transkonfinali u fuq miri kondiviżi reġjonalment.

62. Fuq il-livell globali, il-qafas uniku ta' monitoraġġ, ta' responsabilità u ta' rieżami għandu jagħmel użu sħiħ tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, il-Kunsill Ekonomiku u Soċjali u korpi jew fora rilevanti oħra li huma speċjalizzati f'diversi oqsma, b'mod koordinat sabiex id-duplikazzjoni tiġi evitata u l-piż amministrattiv jiġi limitat. Il-Forum Politiku ta' Livell Għoli dwar l-Iżvilupp Sostenibbli (HLPF) tan-NU għandu jkun il-forum ewlieni fil-livell globali. L-HLPF għandu jagħmel użu minn proċessi ta' reviżjoni nazzjonali u reġjonali u jaqdi rwol ewlieni ta' sorveljanza sabiex jinżamm l-impenn politiku u biex jiffaċilita reviżjonijiet tal-progress u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, u biex jagħmel rakkomandazzjonijiet għal aktar azzjoni f'livell nazzjonali, reġjonali u globali. Ir-Rapport dwar l-Iżvilupp Sostenibbli Globali għandu jappoġġa lill-HLPF fit-tweġiq tar-rwol tiegħu u jiffaċilita t-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażati fuq l-evidenza fil-livelli kollha. L-HLPF għandu jitgħallem mill-esperjenza tas-Sħubija Globali dwar Kooperazzjoni Effettiva għall-Iżvilupp u tal-Forum tal-Koperazzjoni għall-Iżvilupp.
63. L-UE u l-Istati Membri tagħha jappoġġaw l-iżvilupp ta' sett ewlieni ta' indikaturi globali orjentati lejn ir-riżultati biex jiġu sostnuti l-kejl, il-monitoraġġ u r-riieżami futuri tal-SDG's. Dan għandu jsir permezz ta' proċess immexxi minn esperti tekniċi, iggwidat mis-sistema tan-NU u l-uffiċċji tal-istatistika nazzjonali u reġjonali. Aħna nappoġġaw il-pjan direzzjonali miftiehem mill-Kummissjoni tal-Istatistika tan-NU għall-iżvilupp ta' qafas ta' indikaturi globali u l-iskeda ta' żmien tiegħu. Aħna nilqgħu l-ħolqien ta' Grupp Interaġenzjali u ta' Esperti dwar l-Indikaturi tal-SDG u tal-Grupp ta' Livell Għoli f'dan il-kuntest. L-indikaturi u d-data għandhom, sa fejn possibbli, ikunu bbażati fuq indikaturi eżistenti biex jiġu żgurati settijiet ta' data robusti u soluzzjonijiet kosteffikaċi, filwaqt li jista' wkoll ikun hemm il-ħtieġa li jiġu żviluppati indikaturi ġodda. L-UE tappoġġa l-għażla ta' indikaturi globali li jistgħu jintużaw biex jiġi segwit il-progress lejn miri differenti simultanjament, filwaqt li jinbena qafas integrat li jinkorpora l-interkonnessjonijiet u li jibbilanċja t-tliet dimensjonijiet tal-iżvilupp sostenibbli - u li jiġi limitat in-numru ta' indikaturi. Sabiex jintlaħqu l-oġettivi tat-tnaqqis tal-inugwaljanza u li ħadd ma jibqa' lura, l-indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi rilevanti għandhom ikunu sensittivi għall-kwistjonijiet relatati mas-sessi u mal-età, jinkludu dimensjoni tad-drittijiet tal-bniedem u, fejn possibbli, jkunu imqasma skont id-dħul, is-sess, l-età u fatturi oħra. Il-ġbir tad-data għandu jagħmel użu mill-possibilitajiet offruti mid-data diġitali u ġeospazjali, t-teknoloġiji u l-monitoraġġ in situ. L-UE għandha tappoġġa l-isforzi biex jittejjbu l-kopertura u l-kwalità tad-data għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

V. It-triq 'il quddiem

64. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikompli jaqdu rwol attiv u kostruttiv fil-proċessi kollha li għaddejjin u jappoġġaw il-konverġenza tagħhom sabiex tinkiseb Aġenda globali ta' Wara l-2015 unika. Għal dan l-għan, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikompli jiżviluppaw u jaġġornaw il-pożizzjonijiet komuni sabiex jimpenjaw ruħhom b'mod effettiv u unifikat fin-negozjati internazzjonali li għaddejjin, inkluż billi javvanzaw il-kwistjonijiet identifikati fl-Anness għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Sħubija Globali għall-Qerda tal-Faqar u l-Iżvilupp Sostenibbli wara l-2015".
65. Biex din is-sħubija globali tirnexxi, kulħadd se jkollu jikkontribwixxi. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma impenjati li jagħtu sehemhom b'mod sħiħ u li jaħdmu b'mod kostruttiv ma' oħrajn sabiex tkun tista' tiġi stabbilita u implimentata Aġenda ta' Wara l-2015 ambizzjuża, trasformattiva u inklussiva.
-